MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 550/2012

**Tony Zerafa ezercenti il-kummerc bhala The Professionals I.D.170765(M)**

**vs.**

**Avantgarde Holdings Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-attur nomine talab il-hlas tas-somma ta’ elf hames mija u tnax-il Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1512.83) dovuti mis-socjeta` konvenuta lill-attur, rapprezentanti hlas ghal xoghol maghmul mill-attur ghas-socjeta` konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, hija ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tal-attur nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf hames mija u tnax-il Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1512.83), bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, huma a kariku tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------